MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Talba Numru. 174/2006

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**

**Vs**

**Belleview Ltd et**

It-Tribunal,
Ra l-avviz prezentat fl-ismijiet Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd kontra Belleview Ltd Avviz numru 174/06 RFA fejn is-socjeta` attrici talbet illi l-konvenuti ghandhom ihallsu is-somma ta' tlieta u disghin lira u sitta u tletin centezmu (Lm93.36) rapprezentanti bilanc ta' prezz minn somma akbar ghal merkanzija debitament kkonsenjata u mibjugha lill-istess konvenuti.

Ra illi l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni tal-istess talba.

Semgha x-xhieda ta’ Dr Simon Galea Testaferrata ghan-nom tas-socjeta` attrici li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom jhallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta’ tlieta u disghin lira u sitta u tletin centezmu (Lm93.36) bl-imghaxijiet dekorribli mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz  u bl-ispejjez kollha rikjesti a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------